# Il-Laboratorju Forensiku tal-Pulizija Ta' Malta

Il-kelma *forensika* tindika xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-liġi. Ix-xogħol ta' laboratorju forensiku għalhekk joħroġ ċar u wieħed jiddeskrivih tajjeb jekk igħid li qiegħed hemm biex jgħin lill-Qrati fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan iseħħ billi l-Pulizija tiġi mgħejjuna fil-qadi tad-doveri tagħha li taqbad lil min ikun ikkommetta reati.

Kif kulħadd jaf qed isir aktar u aktar diffiċli li wieħed isib provi tradizzjonali fl-investigazzjonijiet ta' delitti u l-għajnuna xjentifika, bl-użu ta' strumenti soffistikati, twassal biex dak li jkun biss suspett isir ħaġa ċerta. Pajjiżi oħra ilhom li waqqfu laboratorji bħal dawn. Il-Laboratorju forensiku tal-Pulizija ta' Londra, biex insemmu wieħed li żgur li sema' bih kulħadd, illum għandu fama mondjali, però wieħed ma jridx jinsa li dan ukoll kellu oriġini umli. Kien tul is-snin ta' eżistenza tiegħu li bl-esperjenza li nkisbet, tjiebet l-effiċjenza u ġiet akkwistata l-fama li jgawdi issa.

F'Malta jidher li l-ewwel darba li nibtet l-idea li jitwaqqaf laboratorju forensiku kien fl-1956 meta l-Gvern ta' dak iż-żmien kien ħatar lis-Sur Wilfred Flores biex jieħu ħsieb dan il-proġett. Kien sar xi xogħol f'din id-direzzjoni u s-Sur Flores kien ħa ħafna nteress fil-biċċa xogħol li kien daħal għaliha, iżda l-iżvilupp kien limitat ħafna. Għal xi raġuni jew oħra qatt ma żviluppa fuq linji xjentifiċi bl-istess mod li ġara f'pajjiżi oħra. Ir-raġuni forsi kienet waħda finanzjarja, jew inkella kien hemm nuqqas ta' nies imħarrġa sewwa f'din il-linja, iżda l-fatt hu li wasal biex ma baqax jeżisti bħala tali.



**Dehra tal-laboratorju kif se jiġi. In-naħa tax-xellug, kompriża l-parti li tidher bla bibien, se jkollha s-Sezzjonijiet tal-Fotografija, Fingerprints, Ballistika u Esplussivi, kif ukoll l-Uffiċċju Amministrattiv. Il-parti tal-lemin, fejn kienet il-librerija se tkun il-bini prinċipali tal-laboratorju.**



**Il-Laboratorju tal-Fotografija u Fingerprints kif inhu llum.**

Sadanittant il-Pulizija fl-istess żmien żviluppat it-Taqsima tal-Fotografija u tal-Fingerprints. L-ex-Suprintendent Ġiġi Micallef u warajh l-ex Surġent John Cutajar, fost oħrajn, kienu intbagħtu barra minn Malta biex jispeċjalizzaw fil-fingerprints. Minħabba nuqqas ta' ppjanar wara li dawn irtiraw bil-pensjoni ma kenux saru arranġamenti biex ikun hemm nies imħarrġa biżżejjed biex jidħlu flokhom.

L-importanza ta' laboratorju forensiku dejjem bdiet tinħass iktar ma jgħaddi ż-żmien. Xi membri tal-Korp tal-Pulizija bdew jintbagħtu barra, prinċipalment l-Ingilterra, għal korsijiet

Tkompli p. 10

fuq investigazzjonijiet kriminali u hemmhekk, bħala parti mill-kors tagħhom, kienu jmorru jżuru laboratorji ta' din ix-xorta. Barra minn dan fil-gazzetti Ingliżi kienu jidhru rapporti ta' każijiet kriminali diffiċli li kienu jiġu solvuti bl-għajnuna tax-xjenza forensika u naturalment, meta kien jinqala każ diffiċli lokalment, kulħadd kien jilmenta minn nuqqas ta' faċilitajiet bħal dawn hawn Malta. It-Tabib Joe Louis Grech, patologu ta' livell għoli, kien dejjem jisħaq fuq dan in-nuqqas imma jidher li kollox baqa' fis-sħab tax-xewqat.

Fil-bidu tal-1977 ingħata bidu b'iktar serjetà għal żvilupp f'din il-linja, għalkemm fid-direzzjoni 'teknika'. Is-sena ta' qabel kienet rat mewġa ta' bombi wara djar fin-naħa ta' Ħal Kirkop li verament kienet ħolqot allarm kbir fost il-popolazzjoni ta' dak ir-raħal. Għalkemm is-suspett kien jindika b'mod ċar u qawwi ċertu persuna residenti fl-istess raħal li kien magħruf għal affarijiet bħal dawn, il-Pulizija madanakollu xorta baqgħet ma tista' tagħmel xejn fin-nuqqas ta' provi aktar diretti. Bdiet tidher aktar ċara l-importanza tal-provi xjentifiċi u ta' apparat magħmul apposta.

F'dik is-sena wkoll bdew jintbagħtu barra minn Malta membri tal-Korp tal-Pulizija biex jispeċjalizzaw fit-teknika ta' l-isplussivi u nxtraw ukoll xi strumenti. Membri oħra tal-Pulizija intbagħtu jistudjaw il-ballistika, fotografija u l-*fingerprints*. Sal-1977 in-numru ta' Pulizija Maltin li kienu marru fuq perijodi ta' speċjalizazzjoni fl-oqsma msemmija hawn fuq kien iktar minn għaxra u wieħed jista' jgħid illi kważi kull min hu stazzjonat f'din it-Taqsima mar barra minn Malta fuq xi kors fil-linja tax-xogħol tiegħu. Beda wkoll jinxtara apparat li jqum l-eluf tal-liri u, għalkemm b'ċerti limiti, l-utilità tiegħu bdiet tinħass ġmielha. Din it-Taqsima ġiet organizzata għaliha u tpoġġiet fil-bitħa tal-Headquarters, magħrufa bħala GHQ Yard. Bdiet tissejjaħ Technical Services Section u wieħed jista' jgħid li kienet in-nukleju tal-Laboratorju Forensiku tagħna.

Tul dan il-perjodu mill-1977 bdew isiru sforzi biex titneħħa l-librerija pubblika li kienet teżisti f'din il-bitħa. L-iskop kien, barra milli jitneħħa l-pubbliku minn fejn l-uffiċini tas-CID u tas-Security Branch, li l-bini tagħha jintuża, meta l-ħolma ssir realtà, għall-Laboratorju Forensiku. Il-ħolma seħħet fil-bidu ta' April 1980. F'laqgħa mal-Prim Ministru, l-Kummissarju talbu l-approvazzjoni biex ikun jista jimpjega



**Membri tal-Korp jaħdmu fl-ewwel Laboratorju tal-Fotografija tal-Pulizija.**



**Apparat tal-fotografija li kien jintuża mill-Pulizija fl-ewwel żmien tat-twaqqif tal-laboratorju tal-Fotografija.**

'staff' ħalli jsir il-laboratorju. Il-Prim Ministru, li kien hu li inkariga lis-Sur Flores fl-1956 biex jagħmel proġett simili, approva t-talba mill-ewwel. Beda x-xogħol biex jinstabu n-nies addattati u żdiedu l-isforzi biex il-librerija pubblika titneħħa ħalli tagħmel wisa għall-laboratorju.

Kien importanti li min kien ser imexxi l-laboratorju kellu jkun persuna kwalifikata sewwa f'din il-linja. Il-livell akkademiku tiegħu ma kellux ikun inqas minn dak ta' persuni simili f'pajjiżi oħra u preferebbilment għola. Wara kollox is-serjetà li titlob l-investigazzjoni xjentifika taddelitti hi l-istess kullimkien. Ġie maħtur Dottor Abela Medici, B.Sc. (Hons.) Wales, Ph.C. (Lond.) D.I.C., C. Chem., M.R.I.C. biex jieħu ħsieb jgħin lil Kummissarju jorganizza u jwaqqaf dan il-laboratorju. Fl-istess żmien ġie impjegat ukoll is-Sur Mario Mifsud bħala Technician. Beda wkoll jinxtara apparat modern biex jintuża fil-laboratorju li kien se jitwaqqaf iżda dan tpoġġa l-Università biex jibda jiġi mħaddem sakemm jitlesta l-bini tal-laboratorju fl-ambjent tal-Headquarters. Huwa ttamat li fi żmien ftit xhur dan jittieħed fil-post fejn kien hemm il-librerija li tneħħiet f'April 1983 wara li tlesta bini ieħor fil-Furjana li sar apposta għaliha.

Ittieħdu miżuri biex jiġu mħarrġa aktar nies fix-xjenza kif ukoll li jiżdied l-istaff għall-laboratorju. Fil-bidu tal-1983 is-Sur Hilary Agius, B. Pharm, ingħaqad ma' l-istaff tal-laboratorju u l-investiment għal futur sar billi ġew magħżula erba' *student workers* li daħlu għal kors tal-farmaċija l-Università. Dawn ġew sponsorjati mid-Dipartiment tal-Pulizija. L-Uffiċjal Ewlieni, Dr. Abela Medici, ħa ħsieb li jżomm lil dawn taħt il-kura tiegħu kif ukoll li jingħataw oqsma partikolari ta' xjenza forensika biex jispeċjalizzaw fiha anke waqt il-kors ta' studju tagħhom. Huwa ttamat li meta jiggradwaw dawn ikunu jistgħu jingħaqdu ma' l-istaff l-ieħor u jintbagħtu wkoll barra minn Malta biex ikomplu jistudjaw.

Ta' importanza kbira huma l-kuntatti li saru u qegħdin isiru ma' laboratorji u esperti barranin. Dawn jintalbu jgħinu billi jagħtu l-parir tagħhom, u sa issa kollha wegħdu l-għajnuna tagħhom f'dak li jkollna bżonn. Xi wħud minnhom ġew ikkonsultati fuq it-tqassim tal-laboratorju, u l-pjanta li fuqha qed jitfassal saret wara konsultazzjoni magħhom u wara li ġew studjati sewwa, u aċċettati wħud mill-pariri tagħhom.

Minbarra l-laboratorju forensiku propja li sa jkun flok il-bini tal-librerija, se jkun hemm ukoll it-taqsimiet l-oħra, dawk li sa issa kienu magħrufa bħala Technical Services Section. Dawn issa ġew maqgħuda miegħu biex jifformaw dak li se jibda jkun magħruf bħala Laboratorju Forensiku tal-Pulizija ta' Malta. Ma hemm l-ebda dubju li dan, bħalma diġà għamel limitatament, se jġib rivoluzzjoni sħiħa fil-metodi tal-investigazzjonijiet kriminali lokali. Kif konna nafuha sa issa għad trid tinbidel sewwa u iktar ma jiżviluppa x-xogħol tal-laboratorju iktar trid tieħu xejra xjentifika. L-importanza ta' dan jidher li diġà ġie apprezzat mill-Qrati tagħna u huwa ttamat li l-ġurati jifhmuha sewwa meta jkunu msejjħa biex jiġġudikaw xi każ li x-xhieda fuqu tkun xjentifika.

Ix-xogħol li sar sa issa, l-ħeġġa u d-dedikazzjoni li qed juri l-istaff u dawk konnessi mal-laboratorju, l-għajnuna u l-importanza li qed jagħti l-Gvern, kif ukoll l-attenzjoni kontinwa li qed jagħti l-Kummissarju, kollha jindikaw li l-Laboratorju Forensiku tal-Pulizija ta' Malta se jkollu futur sabiħ u l-livell tiegħu se jilħaq dak ta' laboratorji simili f'pajjiżi iktar żviluppati.




**Pjanta ta' kif ser ikun il-bini prinċipali tal-laboratorju.**